# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR 2002

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-Ewwel Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 7 | 22 | 5 | 7 | 7 | 12 | 20 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

## TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet :



**Meta tiġik ċajta, titlifhiex!**

Fl-1964 il-ġurnalista Amerikan Norman Cousins marad b'marda li ma setax ifiq minnha. Norman ma riedx jaċċetta dak li qalulu t-tobba u minflok iddeċieda li jara x'jagħmel biex jgħin lilu nnifsu. Ħareġ mill-isptar, waqqaf il-pilloli kollha u beda jieħu kwantità ta' vitamina Ċ. Beda jfittex ukoll li jidħak billi beda jaqra kitbiet umoristiċi u beda jagħmilha ma' nies li huwa kien jaf li kienu jiċċajtaw. (par. 1)

Kien iqatta' ħafna sigħat quddiem it-televixin jara programmi u films tad-daħk. Sab li d-daħk kien qed iserrħu mill-uġigħ u l-kundizzjoni li kien qed ibati minnhom. Fi ftit xhur kien irnexxielu jerġa' jmur għax-xogħol. Tant ħassu tajjeb li beda jitkellem ma' kulħadd dwar l-importanza tal-valur ta' daħka. Bosta tobba jemmnu li d-daħk jgħin biex jingħeleb kull xorta ta' mard serju. (par. 2)

Id-daħk iġiegħlek tieħu serje ta' nifsijiet fondi u ta' malajr. Meta nidħku ċ-ċirkolazzjoni tad-demm titqanqal u l-pressjoni tad-demm tonqos. Id-daħk jaffettwa kull parti ta' ġisimna u jgħinna nistrieħu. Id-daħk huwa importanti daqs li kieku tagħmel xi forma ta' eżerċizzju. (par. 3)

It-tbissim u d-daħk iserrħu lill-bniedem mill-*istress* u mit-tensjoni. Għalhekk, id-daħk jista' jkun mezz ta' fejqan għal dak il-mard ikkawżat minn xi tensjoni. Il-Franċiż Henri Rubinstein jgħid li minuta daħk tiswa daqs 45 minuta mistrieħ. Il-psikjatra Ingliża Joan Gomez tgħid li d-daħk idewweb l-*istress* bħalma biċċa silġ iddub fuq in-nar. (par. 4)

Meta ma jkollokx aptit tidħak, xorta ipprova idħak, minħabba l-effetti tajbin li taf tħalli tbissima. Jekk ikun hemm bżonn, idħak bilfors u tara kif ma tibqax imdejjaq jew imdejqa. Biex tidra titbissem, ibda aqra kotba u ara programmi li jferrħuk. Id-daħk għandu jkun parti mill-ħajja tiegħek ta' kuljum. Huwa minnu li, għalkemm tidħak daħka, l-inkwiet xorta mhuwiex se jisparixxi, iżda żgur li għal ftit ħin, id-daħk iġiegħlek tħares lejn id-dinja b'nuċċali inqas skur. (par. 5)

*(Addattament minn artiklu minn* ***Leħen is-Sewwa****, 5 ta' Frar 2000)*

## A. FEHIM IT-TEST (7 marki)

1. Mill-1 paragrafu semmi ħaġa waħda li għamel Norman Cousins biex jgħin lilu nnifsu meta ħareġ mill-isptar.

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

2. X'jemmnu ħafna mit-tobba? (par. 2) ____________________

_______________________________________________ (1)

3. Ikteb fi kliemek il-paragrafu 3 biex tfisser x'jagħmel id-daħk. ____________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

4. a) X'jgħid Henri Rubinstein? (par. 4) ______________________________________

______________________________________________________________________

b) X'tgħid Joan Gomez? (par. 4) __________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

5. Għaliex fil-paragrafu 5 l-awtur jisfurzana biex nidħku, ukoll jekk ma jkollniex aptit?

______________________________________________________________________ (1)

| B. | GĦARFIEN IL-LINGWA | (22 marka) |
|---|---|---|

(i) **ANALIŻI TESTWALI**

1. Il-kelma *Kwantità* kif użata fl-1 paragrafu turi:

a) ħafna ☐
b) ftit ☐
ċ) hekk u hekk ☐

(1)

2. *Sab li d-daħk kien qed iserrħu mill-uġigħ u l-kundizzjoni li kien qed ibati minn**hom**.* (par. 2) Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom mehmuż fil-kelma *minn**hom***?

______________________________________________________________________ (1)

3. L-awtur, ma' xiex iqabbel l-importanza tad-daħk? (par. 3)

______________________________________________________________________ (1)

4. Agħti kelma oħra flok *mezz*. (par. 4) ____________________ (1)

5. Ikteb il-frażijiet minn paragrafu 5 li jaqblu ma' :

a) għandna nidħku kull ġurnata ta' ħajjitna - ______________________________

______________________________________________________________________

b) id-daħk iġiegħlek tara d-dinja aħjar - ______________________________

______________________________________________________________________ (2)

(ii) **LESSIKU/VOKABULARJU**

Sib mis-silta l-kelma li taqbel ma' dawn it-tifsiriet :

a) tad-daħk (par. 1) ____________________

b) ħafna (par. 2) ____________________

ċ) jintrebaħ (par. 2) ____________________

d) 'il ġewwa (par. 3) ____________________ (4)

(iii) **SINTASSI/SENTENZI**

- Kompli dawn is-sentenzi billi żżomm l-istess tifsira :

1. a) Norman ma riedx jaċċetta dak li qalulu t-tobba.
   b) Dak li qalulu t-tobba ______________________________ (1)

2. a) Sab li d-daħk kien qed iserrħu mill-uġigħ u l-kundizzjoni li kien qed ibati minnhom.
   b) Norman sab li kien qed iħossu jistrieħ mill- ____________________
   ______________________________ (1)

(iv) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. a) Ikteb l-ittra li qed tagħmel in-nom *pilloli* fil-plural- _____
   b) In-nom *pilloli* huwa:
   plural sħiħ ☐ plural miksur ☐
   (2)

2. Ikteb l-artiklu quddiem :
   __ istudenti jinsabu ferħanin li se jispiċċaw l-iskola waqt li ___ ġenituri issa se jkollhom iħabbtu wiċċhom ma__ problemi ta' wliedhom. (3)

3. Imla t-2 kolonna billi taqleb fil-maskil JEW fil-femminil skond kif mitlub fit-3 kolonna :

| L-1 kolonna | It-2 kolonna | It-3 kolonna |
|---|---|---|
| a) kittieb tajjeb | | femminil |
| b) mara dħulija | | maskil |
| ċ) bint ubbidjenti | | maskil |

(3)

4. Id-daħk huwa **l-aqwa** mezz biex wieħed itaffi d-dwejjaq.

   Imxi fuq l-eżempju ta' hawn fuq u ikteb is-superlattiv tal-kelma fil-parentesi :

   a) Thomas kien __ ______________ (ċokon) tifel fil-klassi.
   b) It-torta kienet __ ______________ (tajjeb) fost l-ikel li sajret ommi. (2)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (5 marki)

**QWIEL : ALLA, TAMA U SABAR**

Għaqqad il-qwiel li ġejjin u iktibhom sħaħ fl-ispazju mogħti :

| | |
|---|---|
| 1. Alla fejn | kollox jasal fit-tmiem |
| 2. Alla ma jħallasx | timtela l-ġarra |
| 3. Bis-sabar u biż-żmien | u x-xita tinżel għal kulħadd |
| 4. Ix-xemx titla' | iridek isibek |
| 5. Bil-qatra l-qatra | kull nhar ta' Sibt |

1. ______________________________
2. ______________________________

3. ______________________________

4. ______________________________

5. ______________________________

| D. | ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV | (7 marki) |
|---|---|---|

Agħżel **WAĦDA** biss u ikteb madwar 60 kelma :

1. Ikteb ittra lill-ħabib/a tiegħek u fl-ittra semmi ġrajja umoristika (tad-daħk) li għaddejt minnha int meta mort kamp ma' tal-għaqda fejn tattendi. (Tinsiex tikteb l-indirizz tiegħek u tiffirma ismek)

**JEW**

2. Ikteb djalogu bejn il-blat u l-baħar.

______________________________

| E. | PROĠETT – TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR | (7 marki) |
|---|---|---|

Agħżel suġġett li fittixt dwaru din is-sena u ikteb madwar 50 kelma.

______________________________

**F. (i) LETTERATURA – POEŻIJA – NADRIET 1** (12-il marka)

Wieġeb il-mistoqsijiet A, B, Ċ

**A. Nadriet 1** **Il-Ħolma T'Alla** ta' **Anton Buttigieg**

Ħabib, kun af li qabel Alla sawwar
lid-dinja bil-ġmiel tagħha ħolom ħolma
t'għelieqi, ta' widien, għoljiet u xmajjar,
kif jagħmel kull artist qabel ma jsawwar.

(i) Il-poeta, kif qiegħed jindirizza lill-qarrej? ______________________ (1)

(ii) Fisser: a) Alla sawwar - ______________________

b) qabel ma jsawwar - ______________________ (2)

(iii) *Il-Ħolma T'Alla* hija poeżija (moderna, tradizzjonali) ____________________ (1)

(iv) Ikteb il-vers li juri l-poeta jxebbah ħaġa ma' oħra.

______________________________________________________________ (1)

**B.** F'madwar 5 versi, irrakkonta l-ġrajja li naqraw fil-poeżija *San Franġisk u l-Gamiem*.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (4)

**Ċ. AKTAR NADRIET POETIĊI**

Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista u f'madwar 3 linji għid għaliex għoġbitek.

| |
|---|
| distanza – Tarċisju Zarb, Il-Ħerża – Marjanu Vella, Tristis Est Anima Mea – Rużar Briffa, Dik Mewġa! – Anastasju Cuschieri, Xmara Ħamra, Bruka Xiħa – Victor Fenech, Raħal Twelidi – Karmenu Vassallo, Il-Kebbies Tal-Fanali – Anton Buttigieg, Xita – Mary Meylak |

Isem il-poeżija - ____________________ Isem il-poeta - ________________________

Il-poeżija għoġbitni għaliex __________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

## F. (ii) LETTERATURA – PROŻA (20 marka)

Wieġeb mistoqsijiet A, B, Ċ, D

**A. Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' **Trevor Żahra** (5 marki)

Agħżel **5 aġġettivi** biex tiddeskrivi karattru li laqtek f'dan ir-rumanz.



**Isem il-karattru** - ____________________

**L-aġġettivi huma**:

✍ ________________________________

✍ ________________________________

✍ ________________________________

✍ ________________________________

✍ ________________________________

**B. Fra Martin u novelli oħra** ta' **Ġużè Chetcuti** (5 marki)

*Fra Martin, Toninu, Il-karus*

Agħżel novella **WAĦDA** u irrakkonta l-ġrajja f'madwar 6 linji.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

**Ċ. Stejjer Minn Tarf ir-Raħal** ta' **Ġorġ Borg** (5 marki)

*Is-Sinjura Lwiża, Mojra, Ix-Xiħ tal-Bastun*

Agħżel storja **WAĦDA** u ikteb dwar x'kienet it-tagħlima li ried jagħti Ġorġ Borg permezz ta' l-istorja f'madwar 6 linji.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

**D. Stejjer tal-Linka - Tarċisju Zarb** (5 marki)

*Meta waqa' s-saqaf tal-klassi, Spiċċat l-iskola, X'nixtieq insir la nikber*

F'madwar 5 linji ikteb dwar x'għoġbok u x'tgħallimt minn **WAĦDA** minn dawn il-kitbiet.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. Ikteb dwar il-lokalità fejn toqgħod u iddeskrivi żewġ karattri li jolqtuk minn din il-lokalità.
2. Ikteb dwar id-dar il-ġdida li mortu toqogħdu fiha dan l-aħħar.
3. Ħbiebi. Min huma?
4. Ġew iz-zijiet u l-kuġini mill-Kanada. Ikteb dwarhom u għid kif beħsiebek tqatta' s-sajf magħhom.
5. X'inħobb nilbes għal okkażjonijiet differenti.